MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1996/2002

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**Vs**

**David Arrigo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) dovuta mill-konvenut bhala policy excess skond kuntratt ta' assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-socjeta attrici noe fir-rigward ta' vettura, numru 110011 propjeta tal-konvenut wara li mas-socjeta attrici noe kienet registrata claim bhala konsegwenza ta' incident stradali li gara f'Hal Balza fit-3 ta' April 2002 li fih kienet involuta l-imsemmija vettura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Joseph Zammit McKeon in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**